Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 2/2017

**In-Nutar Charles Vella Zarb**
**(appellant)**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali**
**(appellat)**

20 ta' Mejju, 2019.

1. **Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' Atti Nutarili nhar is-17 ta' Ottubru 2017 b'rabta ma' rikors ntavolat mill-President tal-Kunsill Nutarili kontra n-Nutar Charles Vella Zarb.**

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għall-appell odjern kienu s-segwenti:

   2.1. In-Nutar Vella Zarb kien volontarjament talab li l-atti tiegħu għas-snin 1988 sa 1999 jiġu reviżjonati minkejja li ma kienx obbligat bil-liġi jagħmel dan.

   2.2. L-uffiċjal reviżur assenjat lilu, Dr. Richard Vella Laurenti, sab xi nuqqasijiet u ħareġ ir-rapporti relattivi.

   2.3. Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 2015 fl-atti tar-rapport numru 94/2015, relattiv għall-atti *inter vivos* ppubblikati min-Nutar Vella Zarb fis-sena 1990, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ddeċidiet illi:

> '...*wara li rat l-artikolu 142 tal-Kap. 55, tikkonferma r-rapport tal-Uffiċjal Reviżur in kwantu li l-azzjoni dixxiplinari kontra n-Nutar Dottor Charles Vella Zarb għall-kontravenzjonijiet konstatati hija preskritta bit-trapass ta' ferm aktar minn ħames (5) snin.*
>
> ***Peró tordna lin-Nutar Vella Zarb li fi żmien tletin (30) jum jillega l-att numru 102 fil-volum numru 1 kif ukoll jispjega għaliex hemm***

***paġni numru 945 u 981 neqsin kif indikat fil-paragrafu (b) tar-Rapport kif ukoll li jippreżenta lill-Uffiċjal Reviżur in-noti indikati fil-paragrafu (ċ) tar-Rapport u li n-numru tagħhom jiddaħħal fil-marġini tal-att.***

*Tordna li, wara li jsir dak preskritt fil-paragrafu preċedenti għas-sodisfazzjon tal-Uffiċjal Reviżur – li għandu jiċċertifika li dan ikun sar b' nota appożita – l-atti jiġu depożitati fl-arkivju a kura tal-uffiċjal reviżur skont il-liġi.'*

2.4. Permezz ta' deċizjoni tas-17 ta' Novembru 2015, fl-atti tar-rapporti numri 92, 93, 94, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 101, 102 u 103, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ddeċidiet:

*'...*

*Rat li min-Noti tal-Uffiċjal Reviżur tat-13 ta' Novembru, 2015, u mill-informazzjoni ulterjuri minnu mogħtija jirriżulta li n-Nutar Vella Zarb ottempora ruħu mal-ordnijiet lilu mogħtija minn din il-Qorti fir-rigward tas-snin: 1988 (Rapport Nru 92/15); 1992 (Rapport Nru 96/15); 1996 (Rapport Nru 100/15); 1997 (Rapport Nru 101/15); 1998 (Rapport Nru 102/15) u 1999 (Rapport Nru 103/15) billi rreġistra n-noti li kellu jagħmel, hu xorta waħda baqa' "in toto" jew "in parte" inadempjenti għas-snin l-oħra kollha u ċioé 1989, 1990, 1991, 1993, 1994 u 1995 u dan minkejja l-wegħda solenni tiegħu bil-ġurament li kien ser jagħmel dan fi żmien xahar mis-6 t' Ottubru, 2015.*

*Rat li minkejja t-termini mogħtija u l-estensjoni ripetuta tagħhom, in-Nutar baqa' inadempjenti w għalhekk, wara li rat l-artikolu 124(1)(2) u (4) tal-Kap.55 tal-Liġijiet ta' Malta,* ***tordna l-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili b' effett millum u sa meta hu jkun ottempora ruħu pjenament mal-ordinijiet lilu mogħtija minn din il-Qorti fi-deċiżjonijiet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2015, fil-każijiet tar-Rapporti Numri 93/15, 94/15, 95/15, 97/15, 98/15 u 99/15*** *u dan b' riżerva ta' sanzjonijiet ulterjuri jekk dan jibqa' ma jsirx.*

***Tordna li l-inkartament tar-Rapporti l-oħra w ċioé 92/15, 96/15, 100/15, 101/15, 102/15 u 103/15 jiġu arkivjati.****'*

2.5. B'rikors ippreżentat fil-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili fit-22 ta' Mejju 2017, in-Nutar Daniel John Bugeja, President tal-Kunsill Nutarili, ippremetta li n-Nutar Vella Zarb kien bid-deċiżjonijiet tal-15 ta' Ġunju 2015 u 17 ta' Novembru 2015 ġie parzjalment inabilitat mill-professjoni, iżda baqa' ma wettaqx dak li kien ġie ordnat jagħmel, probabbilment għaliex kien fl-impossibilità li jsib l-atti mitlufa hemm indikati. Peress li kienu għaddew aktar minn sitt xhur minn tali data, ikkontenda li n-Nutar Charles Vella Zarb espona ruħu għad-deprivazzjoni mill-uffiċċju tiegħu ai termini tal-artikolu 94A subartikolu 19(g) tal-Kap. 55 u għalhekk talab lil dik il-Qorti:

i. jew tiddepriva lin-Nutar Charles Vella Zarb mill-Uffiċċju tiegħu ai termini tal-liġi;

ii. jew inkella terġa' tirrintegraħ bħala Nutar Pubbliku, u tħalli kwalunkwé azzjoni għal danni ċivili aperta favur ta' dawk il-partijiet li jistgħu jkunu milquta minn tali nuqqas;

iii. tagħti dwak l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha li jidrilha xierqa ai termini tal-liġi, stante li s-sitwazzjoni ta' inkapaċità parzjali tal-istess Nutar mhijiex kontemplata fil-liġi mingħajr soluzzjoni aħħarija.

2.6. L-Avukat Ġenerali iddikjara li ser joqgħod fuq dak li tiddeċiedi l-qorti.

2.7. In-Nutar Vella Zarb wieġeb illi minkejja r-riċerki kollha li għamel, hu mpossibbli għalih li jagħmel dan sakemm ma jiġix awtorizzat jippreżenta kopja mir-reġistru. Jgħid li hawn si tratta ta' erbgħa kuntratti minn 'l fuq minn elf kuntratt li huwa ppubblika u li għalhekk ċertament dan il-każ ma jimmeritax xi miżuri drakonjani kif donnu qed jipprospetta r-rikorrent fl-ewwel u t-tieni talba tiegħu. Jikkontendi li mhux ġust li wara tant snin eżerċizzju tal-professjoni meta minħabba ċirkostanzi personali għandu aktar ħtieġa li jaħdem, jiġi mċaħħad mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

2.8. Fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2017 il-partijiet taw il-kunsens li n-Nutar Vella Zarb ipoġġi kopja fir-reġistri tal-erba' kuntratti rispettivi fil-volumi oriġinali li jinsabu għand in-Nutar tal-Gvern u issir nota ġuramentata li tgħid li din hi kopja awtentika tal-att oriġinali. Il-qorti awtorizzat lin-Nutar Vella Zarb jagħmel dan sat-30 ta' Ġunju 2017 u ordnat ukoll li kopja tal-insinwa, referenzi u ipoteki relatati ma dawn l-erba' kuntratti jiġu annessi ukoll mal-kopja li se tiġi nserita.

2.9. Fl-udjeza tal-25 ta' Lulju 2017 il-Qorti osservat li fir-rigward tas-sena 1990 in-Nutar Vella Zarb kien għadu inadempjenti. Fil-każijiet l-oħra, talbet il-partijiet jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar jekk għandhiex tiskatta l-ammenda ta' ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa, jew parti minnha, mid-data tar-rikorsi rispettivi tal-uffiċjal reviżur sal-10 ta' Lulju 2017 meta n-Nutar Vella Zarb ikkonsenja l-kopji meħuda mir-reġistri tas-snin 1991, 1993 u 1994. Fir-rigward saret ukoll trattazzjoni mill-partijiet fl-udjenza susssegwenti tad-29 ta' Awissu 2017.

2.10. Fis-17 ta' Ottubru 2017, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ddeċidiet illi:

> ***'… wara li rat l-artikoli 94B(8) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lin-Nutar Dottor Charles Vella Zarb għall-ħlas ta'***

***ammenda ta' erbat elef Ewro (€4000) rappreżentanti ammenda ta' ħamsin Ewro (€50) għal tmenin (80) ġimgħa jew parti minn ġimgħa li għaddew mid-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru, 2015 sal-20 ta' Ġunju, 2017 kif fuq spjegat. (€50 x 80)***

***Stante ċirkostanzi partikolari tal-każ peró u l-istat ta' saħħa tal-istess Nutar kif fuq ukoll tenut kont tar-rakkomandazzjoni tal-President tal-Kunsill Nutarili, din il-Qorti minn issa stess tiddikjara li ma tkunx opposta għal xi maħfra Presidenzjali li jew taħfer kompletament din l-ammenda jew tirriduċiha, jekk in-Nutar jitlob għal tali maħfra.***

***Finalment tordna li issa, dak li ġie ordnat li kellu jsir b' referenza għall-atti tas-snin 1990, 1991, 1993 u 1994, sar sa fejn kien possibbli u prattikabbli, dawn l-atti jiġu arkivjati definittivament fl-Arkivju Nutarili – fejn ġja jinsabu – u għandhom jitqiesu bħala li ġew viziati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.***

***B'dan il-mod tiddisponi mit-talbiet kontenuti fir-rikors tal-President tal-Kunsill Nutarili billi***

***i. tiċħad l-ewwel talba tiegħu;***
***ii. tilqa' t-tieni talba fis-sens kif fuq elaborat u b'riżerva ta' kull azzjoni għad-danni ċivili favur dawk il-partijiet li setgħu ġew milquta min-nuqqas tal-istess nutar Vella Zarb; u***
***iii. tilqa' t-tielet talba billi tat l-ordnijiet u provvedimenti kontenuti fil-paragrafi preċedenti.'***

3. Minn dik id-deċiżjoni appella n-Nutar Charles Vella Zarb. L-aggravji huma li l-Ewwel Qorti:

i. għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjarat li l-Liġi Sussidjarja 55.02 mhux applikabbli għall-każ in eżami;
ii. għamlet kemm applikazzjoni kif ukoll interpretazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli meta ddikjarat li fil-każ in eżami l-istess qorti kienet legalment korretta meta mponiet sospensjoni parzjali fuqu mill-eżerċizzju tal-Professjoni ta' nutar pubbliku u mponiet ammenda ta' ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa;
iii. għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjarat li l-appellant kien ħati ta' ksur tal-artikolu 132(a) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. L-Avukat Ġenerali wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. Dan il-każ jitratta jitratta dik il-parti tar-rapport tal-uffiċjal reviżur Dr R. Vella Laurenti datat 6 ta' April 2015 (rapport 94/15) markat bil-paragrafi (a), (b) u (ċ) li jikkonċernaw kuntratti pubblikati mill-appellant matul is-sena 1990 (ara l-atti

tal-appell 1/17 deċiż illum), u deskritti hekk *"Eżami ta' 313 atti inter vivos li rċieva matul is-sena 1990 in-nutar pubbliku Dr Charles Vella Zarb ta' 13, Sacred Heart Street, Paola, miġbura f'erba' (4) volumi imqassma hekk: Vol. 1:1-60; Vol. 2: 61-146; Vol. 3: 147-240; Vol. 4: 241-313 – kollox skont id-dikjarazzjoni tan-Nutar hawn annessa Dok. A"*.

6. Bl-**ewwel aggravju** l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ddikjarat li l-Liġi Sussidjarja 55.02 (*Regolamenti dwar ir-Reġistru Duplikat ta' Atti Nutarili* li saru bl-Avviż Legal 86 tal-2004) ma tapplikax għall-każ in eżami. Dan in kwantu l-istess liġi m'hijiex limitata bil-mod kif iddikjarat mill-ewwel qorti iżda tkopri espressament ċirkostanzi fejn anke atti nutarili oriġinali jkunu ġew mitlufa bħal fil-każ in eżami. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ dak li kellu jsir kien mhux li hu jiġi mmultat sakemm jippreżenta l-atti oriġinali li kienu ntilfu iżda li tiġi segwita l-proċedura kontemplata fl-istess liġi sussidjarja.

7. Dan l-aggravju ma jreġix la mill-aspett fattwali u lanqas legali.

8. Ir-regolament 2 tar-'*Regolamenti dwar ir-Reġistru Duplikat ta' Atti Nutarili'* jipprovdi kif ġej:

> *'2.Meta, minħabba f'xi azzjoni mill-għadu jew kontra l-għadu jew* ***minħabba xi raguni oħra tkun li tkun, xi Atti Nutarili oriġinali****, jew xi reġistri ta' atti konservati fl-Arkivji Nutarili stabbiliti f'Malta jew f'Għawdex, ikunu ġew mitlufa, meqruda jew imħassra b'tali mod li jkun imprattikabbli jew impossibbli li ssir riferenza faċli għalihom, għandu jkollhom seħħ dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin.* [1]

9. Id-disposizzjonijiet sussegwenti mbagħad ikomplu billi jipprovdu li fil-każijiet li għalihom jirreferi r-regolament 2, il-Konservatur ta' l-Arkivji Nutarili f'Malta jew f' Għawdex għandu jipprepara reġistru duplikat tal-atti oriġinali kollha **<u>depożitati fl-Arkivji ta' Malta jew ta' Għawdex</u>**, mitlufa, meqruda jew imħassra u reġistru ġdid ta' dawk l-atti oriġinali kollha meta r-reġistru oriġinali jkun ġie hekk mitluf, meqrud jew imħassar.

10. F' dan ir-rigward, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' Atti Nutarili ddeċidiet kif ġej:

> *'... Ġiet ventilata wkoll il-kwistjoni jekk dan hux kopert bid-dispożizzjonijiet tal-liġi sussidjarja u ċioé l-Avviż Legali 86 tas-sena 2004, (kif emendat bl-A.L. 408 tal-2007) għax, kif ikkontenda n-Nutar Prinċipali tal-Gvern, dan l-Avviż Legali għandu jiġi nterpretat fl-ispirtu tal-Avviż Legali li ppreċedih u ċioé dak pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Settembru, 1942 (Govt. Notice No. 486) li kien*

[1] Enfasi tal-appellant.

*jirreferi għall-ħsarat jew telfien ta' atti bħala riżultat ta': "enemy or counter-enemy action".*

*Mill-eżami ta' dawn iż-żewġ avviżi legali din il-Qorti tħoss li ftit jistgħu jgħinu għas-soluzzjoni tal-każ odjern. Fil-każ tal-Avviż Legali tal-1942, dan jikkontempla biss x'għandu jsir f'każ li xi atti oriġinali jew reġistri, li kunu diġa' konservati fl-Arkivji Nutarili, [sottolinejar ta' din il-Qorti] jiġu distrutti jew imħassra b'mod li ma jkunx faċli jew impossibli li ssir referenza għalihom,* ***minħabba xi azzjoni mill-għadu jew kontra l-għadu****. [enfasi u sottolinejar ta' din il-Qorti] Dawn ir-regolamenti jiddisponu dwar l-obbligi tal-Konservatur tal-Arkivji Nutarili li jipprepara reġistru dupplikat. Ċertament għalhekk li ladarba dawn l-erba' atti ma intilfux fil-kuntest ta' Gwerra, dan l-Avviż Legali, kif issottometta in-Nutar Prinċipali tal-Gvern, ma hux rilevanti għall-każ in diżamina.*

*L-Avviż Legali 86 tas-sena 2004 (kif emendat bl-A.L. 408 tas-sena 2007), għalkemm ma jabrogax espressament l-Avviż Legali tal-1942, impliċitament jidderoga għalih minħabba l-prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni li jgħid li liġi speċjali tidderoga liġi speċjali oħra preċedenti dwar l-istess materja. Dan it-tieni Avviż Legali ukoll jiddisponi x'għandu jsir mill-Konservatur tal-Arkivji Nutarili meta jiġi biex jipprepara reġistru duplikat, peró jwessa' ir-raġunijiet għat-telfien, il-qirda jew tħassir ta' atti oriġinali kollha* ***imqiegħda fl-Arkivji ta' Malta jew t'Għawdex****. Hekk iwessa' l-applikazzjoni mhux biss għall-każijiet dovuti għal xi azzjoni mill-għadu jew kontra l-għadu, imma jinkludi ukoll* ***"minħabba xi raġuni oħra tkun li tkun"****. Peró anki hawn il-liġi ma titkellimx fuq każijiet fejn l-oriġinali jintilfu waqt li jkunu għadhom fil-pussess tan-Nutar innifsu, kif ġara fil-każ odjern, imma biss għal dawk l-oriġinali li jkunu imqiegħda fl-arkivji ta' Malta jew t' Għawdex.'*

11. Din il-qorti taqbel li mir-regolamenti hu ċar **li ma japplikawx f'każijiet fejn att oriġinali jinqered jew jintilef waqt li jkun għadu fil-pussess tan-nutar. Dak hu l-każ li kellha quddiemha l-ewwel qorti. Ir-regolamenti japplikaw biss fir-rigward ta' atti li jkunu fl-Arkivji ta' Malta jew ta' Għawdex u li jkunu ntilfu**.

12. Meta l-appellant ingħata r-rapport tal-uffiċjal reviżur quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, dejjem wieġeb li kien qiegħed jagħmel ħiltu kollha sabiex ikun jista' jirrimedja għan-nuqqas u talab aktar żmien biex jagħmel dan. Hekk per eżempju għamel b'rikors preżentat fl-24 ta' Lulju, 2015 (ara atti tar-rapport 94/2015). **Id-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Reviżjoni sabiex l-appellant jirrimedja għan-nuqqasijiet tiegħu, kienu jorbtu lilu u ħadd aktar**. Finalment, għal dawk l-atti oriġinali li ma nstabux, imbagħad intlaħaq qbil - **fuq suġġeriment tal-appellant stess** - li tiġi nserita kopja fir-reġistri tal-erba' kuntratti rispettivi fil-volumi oriġinali li jinsabu għand in-Nutar tal-Gvern (ara verbal tas-seduta tal-25 ta' Lulju, 2017).

13. Sa dak l-istadju, l-appellant qatt ma kkontenda li l-obbligu kien jispetta lill-Konservatur tal-Arkivji Nutarili u mhux lilu. Kien biss lejn l-aħħar tal-proċeduri

quddiem il-Qorti ta’ Reviżjoni tal-Atti Nutarili, li l-appellant ħareġ bit-teżi li kellha tapplika l-proċedura stipulata fil-leġislazzjoni sussidjarja 55.02.

14. Huwa ċar li l-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja ma tapplikax u ma kinitx ir-responsabbilta’ tal-Konservatur tal-Arkivji Nutarili sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet li jissemmew fir-rapport tar-reviżur. Bla dubju, l-obbligu kien tal-appellat li kien responsabbli għall-atti pubbliċi in kwisjtoni.

15. Għalhekk dak l-aggravju hu miċħud.

16. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellant isostni li l-ewwel qorti għamlet kemm applikazzjoni kif ukoll interpretazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli meta ddikjarat li fil-każ in eżami l-istess qorti kienet legalment korretta meta mponiet sospensjoni parzjali fuqu mill-eżerċizzju tal-Professjoni ta’ Nutar Pubbliku u mponiet ammenda ta’ ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa. Skont l-appellant, peress li l-mertu tal-proċeduri odjerni jirrisalu għall-1990 sa l-1994, huwa ċar li l-każ in eżami ma kienx wieħed fejn l-ewwel qorti setgħet timponi ammenda u/jew addirittura l-inabilitazzjoni temporanja tal-appellant.

17. L-appell tal-lum hu biss dwar id-*deċiżjoni, "mogħtija mill-Qorti ta’ Reviżjoni tal-Atti Nutarili nhar is-17 ta’ Ottubru 2017 b’rabta ma’ Rikors Nru. 71/17 kontra l-esponent appellant wara rikors intavolat mill-President tal-Kunsill Nutarili.’* Fil-fatt it-talba tal-appellant hi sabiex din il-qorti tħassar id-deċiżjoni li ngħata mill-Qorti ta’ Reviżjoni fis-17 ta’ Ottubru, 2017. Pero’ qabel dik kien hemm id-deċiżjonijiet tal-15 ta’ Ġunju, 2015 u 17 ta’ Novembru, 2015 li kif osservat l-ewwel qorti, ma kinux appellati. Fid-deċiżjoni tas-17 ta’ Novemberu, 2015 il-qorti ordnat l-inabilitazzjoni parzjali tal-appellant mill-eżerċiżżju tal-professjoni nutarili b’effett minn dakinhar sakemm iwettaq dak li kien ordnat fid-deċiżjoni tal-15 ta’ Ġunju, 2015. Ordni li l-istess qorti qalet li saret a bażi tal-artikolu 124(1), (2) u (4) tal-Kap. 55. Minn dawk id-disposizzjonijiet hu ċar li l-ordni ta’ inabilitazzjoni parzjali kien għar-raġuni li l-appellant naqas milli jwettaq l-ordni tal-qorti fid-deċiżjoni tal-15 ta’ Ġunju, 2015. Fil-fatt subinċiż (4) jipprovdi:

> *"(4) Meta l-ordni jingħata lil nutar, il-qorti għandha tordna lil wieħed mill-uffiċjali reviżuri jekk l-ordni jirreferi għal atti, jew lin-Nutar Prinċipali jekk l-ordni jirreferi għal testmenti li jivverifikaw jekk dak l-ordni ġiex esegwit sewwa. Fin-nuqqas tal-eżekuzzjoni ta’ dan l-ordni l-qorti tista’ fid-diskrezzjoni tagħha tordna l-inabilitazzjoni parzjali tan-nutar għal dak iż-żmien li fih l-ordni ma jiġix eżegwit, u d-dispożizzjonijiet kollha dwar l-inabilitazzjoni parzjali għandhom jgħoddu mutatis mutandis".*

18. Ġialadarba l-appellant m'appellax minn dawk id-deċiżjonijiet, huma finali. Għalhekk l-appellant ma jistax juża l-appell sabiex jipprova jġieb fix-xejn dak li kien ġie deċiż fl-imsemmija deċiżjonijiet.

19. Hu minnu li fid-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru, 2017 l-ewwel qorti qalet, fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza, *"Għaldaqstant tiddisponi mill-kwistjoni tal-inabilitazzjoni parzjali u sospensjoni billi tikkundanna lin-Nutar Vella zarb għall-inabilitazzjoni parzjali kumulattiva ta' tlieta w għoxrin (23) xahar li bdew jiddekorru mis-17 ta' Novembru, 2015 u jiskadu llum 17 t'Ottubru, 2017. Konsegwentement tordna li r-reintegrazzjoni tiegħu b'effett mil-lum tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern"*. Il-qorti ma tistax tifhem għalfejn il-Qorti ta' Reviżjoni reġġħet tat deċiżjoni dwar l-inabilitazzjoni parzjali tal-appellannt meta kien hemm diga' d-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru, 2015 (rapport 94/15) u li kienet finali. Dan iktar iktar meta ftit qabel fl-istess sentenza qalet li, *"Il-kwistjoni finali li trid tiġi determinata hija jekk in-Nutar Vella Zarb hux soġġett għall-penali ta' ħamsin Ewro (€50) kull gimgħa jew parti minn ġimgħa li fihom baqa' ma ottemperax ruħu mal-ordni tal-Qorti u mal-Ligi"*. Kien f'din il-parti tas-sentenza li għall-ewwel darba l-qorti rriferiet għall-artikolu 94B(8) tal-Kap. 55.

20. Il-qorti tosserva wkoll li l-ilment tal-appellant m'huwiex fis-sens li l-ordni tal-ewwel qorti kienet li l-inabilitazzjoni parzjali spiċċat dakinhar li ngħatat l-aħħar deċiżjoni (17 ta' Ottubru, 2017) jew li ġiet imposta fuqu inabilitazzjoni għall-perjodu iktar minn dak li tikkontempla l-liġi.

21. L-appellant argumenta li l-ewwel qort ma setgħet qatt '*timponi l-inabilitazzjoni parzjali taħt is-subinċiż 19 ta' l-Art. 94A'* (ara paragrafu 9 tar-rikors tal-appell) Pero' fid-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru, 2017 l-inabilitazzjoni imposta fuq l-appellant, li tidher li kienet superfluwa minħabba d-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2015, ma kinitx a bażi ta' dak is-subinċiż.

22. Dwar l-impożizzjoni tal-ammenda, il-Qorti ta' Reviżjoni qalet:

> *'... il-kwistjoni finali li trid tiġi determinata hija jekk in-Nutar Vella Zarb hux soġġett għall-penali ta' ħamsin Ewro (€50) kull ġimgħa jew parti minn ġimgħa li fihom baqa' ma ottemporax ruġu mal-ordni tal-Qorti u mal-Liġi. Hawn issir relevanti ħafna id-depożizzjoni tal-Uffiċjal Reviżur Dr Richard Vella Laurenti dwar kif hu ġie biex irreveda w ivvizita l-atti tas-snin 1990, 1991, 1993 u 1994, fejn irriżulta li kien hemm l-atti oriġinali neqsin.*
>
> *Minn din id-depożizzjoni ħareġ ċar li dan ma kienx każ fejn l-Uffiċjal Reviżur kien talab lin-Nutar Vella Zarb biex jippreżentalu l-atti tas-snin 1990, 1991, 1993 u 1994 u dan ma ħadhomlux, imma kien każ fejn l-istess Nutar spontanjament ippreżenta dawn il-volumi tal-atti oriġinali għall-eżami w eventwali arkivjar tagħhom. Għalhekk hawn non si tratta tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*

*art. 94A(18)(a) tal-Kap. 55, kif donnu fehem l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu, iżda hawn huwa l-każ li għandu japplika l-art. 94B u partikolarment is-subartikolu (8) tal-istess Kap. 55 li jiddisponi li jekk wara li jiġi ppreżentat ir-rapport tal-uffiċjal reviżur, fejn jista' anki skond is-subartikolu (3) jipproponi li l-Qorti tapplika kull provvediment li hi tista' tagħti lin-Nutar, u n-nutar ikun naqas milli jikkontesta r-rapport jew, wara li jkun għamel dan il-fatti jiġu pruvati, il-Qorti għandha tagħżel jew li tapplika l-piena tas-sospensjoni jew id0destituzzjoni mill-kariga jew tinabilita parzjalment lin-nutar għall-perjodu li ma jkunx iżjed minn sitt xhur sakemm jirregolarizza il-pożizzjoni tiegħu w għandha wkoll timponi ammenda ta' ħamsin Ewro (E50) fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa sakemm jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu.'*

23. Jirriżulta li kien l-appellant li <u>ppreżenta</u> l-imsemmija atti għar-reviżjoni tal-uffiċjal reviżur. Atti li kienu pubblikat fl-1990 u jkunu għadhom fil-kustodja tan-nutara, u li skont l-artikolu 94C(4) tal-Kap. 55 għandhom ikunu preżentati għar-reviżjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' Ottubru, 2024 għal dawk l-atti li *"jkunu ġew ippubblikati sa u inkluż is-sena 2001"*. L-atti jiġu ppreżentati min-nutara lill-Uffiċjali Reviżuri skont l-artikolu 94C(4) tal-Kap. 55 sabiex issir ir-reviżjoni tagħhom. Proċess li fih jiġi determinat jekk in-nutar ikunx osserva l-obbligi imposti fuqu bil-Kap. 55 jew xi liġi oħra. Hu mbagħad l-artikolu 94B li jipprovdi dwar il-proċedura ta' reviżjoni. Ovvjament fejn imbagħad ikun jirriżulta li n-nutar ikun naqas fid-dmirijiet, hi l-Qorti ta' Revizjoni li timponi sanzjoni skont dik l-istess disposizzjoni. Għalhekk il-qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellant li l-artikolu 94B ma japplikax għall-każ tiegħu. Disposizzjoni li fil-fehma tagħha għandha tapplika kull fejn issir il-proċedura ta' reviżjoni mill-uffiċjal reviżur. Il-fatt li kien l-appellant li ppreżenta l-atti lill-uffiċjal reviżur, ma jbiddel xejn. Ġialadarba mir-rapport ta' reviżjoni tal-uffiċjal reviżur irriżulta li l-appellant kien naqas mid-dmirijiet tiegħu u ma kkontestax dawk il-findings, il-Qorti ta' Reviżjoni kellha d-dritt li tipproċedi *ai termini* tal-artikolu 94B tal-Kap. 55.

24. L-artikolu 94B(8) jipprovdi:

*'**Meta n-nutar jonqos milli jikkontesta r-rapport jew, wara li jkun għamel dan, il-fatti li hemm l-allegazzjoni dwarhom jiġu ppruvati veri waqt seduta tal-Qorti, il-Qorti <u>għandha</u>**, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi jew ta' xi liġi oħra, tagħżel jew li tapplika l-piena dixxiplinarja tas-sospensjoni jew id-destituzzjoni mill-kariga skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew tinabilita parzjalment lin-nutar għal perjodu li ma jkunx iżjed minn sitt xhur sakemm jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u għandha ukoll **timponi ammenda ta' ħamsin euro (€50) fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa sakemm jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu**.'*[2]

[2] Enfasi tal-Qorti

25. Isegwi, li safejn l-Ewwel Qorti imponiet l-multa ta' €50 fil-ġimgħa jew parti minnha mid-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru 2015 sakemm l-appellant irregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fl-20 ta' Ġunju 2017, hija kienet qegħda ssegwi l-dak li trid il-liġi. L-aggravju tal-appellant fir-rigward huwa għalhekk ukoll infondat.

26. Finalment, l-appellant jiċċita l-artikolu 142 tal-Kap. 555 u jilmenta li, '*bl-ebda mod spjegat l-Ewwel Onorabbli Qorti għalfejn dan it-terminu preskrittiv ma kienx applikabbli fil-każ in eżami meta d-dekors taż-żmien kien manifestament jeċċedi l-ħames snin.*'

27. L-artikolu 142 tal-Kap. 555 jipprovdi:-

> *'L-azzjoni dixxiplinari kontra n-nutara għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, punibbli bil-piena tat-twiddiba u ċanfira, tal-ammenda, tas-sospensjoni jew tad-destituzzjoni tispiċċa wara ħames snin minn dak inhar li tkun saret il-kontravvenzjoni.'*

28. Huwa ampjament ċar mill-atti li l-multa ordnata mill-Qorti ta' Reviżjoni ma kinitx relattiva għan-nuqqasijiet li rraporta dwarhom ir-reviżur iżda marbuta mal-fatt li l-appellant naqas milli jwettaq l-ordni tal-qorti wara li kien ingħata żmien sabiex iwettaq dik l-ordni. Fil-fatt l-multa tkopri l-perjodu bejn is-17 ta' Novembru, 2015 (data meta l-appellant kien ġie inabilitat parzjalment għaliex baqa' ma wettaqx dak li ordnatlu jagħmel il-Qorti ta' Reviżjoni) sal-20 ta' Ġunju, 2017.

29. Għaldaqstant, tiċħad ukoll dak l-aggravju.

30. Permezz tat-**tielet aggravju**, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjarat li l-appellant kien ħati ta' ksur ta' l-Art 132(a) tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta. Jilmenta li n-negliġenza kellha tiġi ppruvata u mhux preżunta kif għamlet l-ewwel Qorti.

31. Fir-rigward l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

> *'Inoltré l-Qorti tħoss li l-każ ta' telfien ta' atti oriġinali u tad-dokumenti annessi magħhom da parti ta' Nutar jikkostitwixxi negliġenza konsistenti fil-fatt li naqas milli jikkonserva l-atti riċevuti minnu kif previst fil-Kap. 55 u dan skond l-art. 132(a) jista' jagħti lok ukoll għal sospensjoni minn xahar sa' sitt xhur li ukoll għandhom jiddekorru kumulattivament u mhux konkorrentement.'*

32. Il-fatt waħdu li l-atti oriġinali ma kinux fil-volumi, hi fiha nnifisha prova ta' negliġenza. Bħala nutar, l-appellant għandu d-dmir li jikkonserva l-atti li rċieva bil-mod li trid il-liġi. L-appellant ma ta l-ebda raġuni li b'xi mod tista' tiġġustifika

dak in-nuqqas. L-appellant kellu jressaq provi li jiġġustifikaw in-nuqqas tiegħu. Ħaġa li m'għamilx. Ladarba l-appellant ma tax prova li dak in-nuqqas kien dovut għal xi forza maġġuri jew raġuni oħra li ma kellux kontroll fuqha, l-Ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li dan kien każ ta' negliġenza bi ksur tal-artikolu 132(a) tal-Kap. 55. F'kull każ il-qorti ma tarax li r-riferenza għall-artikolu 132(a) kien determinati in kwantu n-nuqqas li wassal għall-multa kien il-fatt li l-appellant baqa' inadempjenti fir-rigward tal-ordni li ngħata bid-deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju, 2015.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.